MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 595/2010

**SAICAT S.A. u SAICAT ENERGY S.A. socjetajiet registrati l-Isvizzera, rapprezentati hawn Malta mill-mandatarju specjali taghha Dottor Louis Cassar Pullicino**

**vs**

**Dr. Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut li b' digriet tal- 20 ta' Lulju 2010 gew nominati bhala kuratuti deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` SEAWAY SHIPPING AND TRADING LTD (C 38761)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Saicat S.A. u Saicat Energy S.A. datat 11 ta' Gunju 2009 a fol. 1 tal-process fejn

Dottor Louis Cassar Pullicino (ID Numru 441061M) fil-kwalita` tieghu espona:-

Illi s-socjeta` konvenuta hija proprjetarja tal-vapur m.v. Selay Challenger registrat hawn Malta u li ghandu numru tal-IMO 8504105.

Illi Saicat S.A. nnolleggjat permezz ta' kuntratt ta' nollegg *(charterparty)* emendat tal-forma maghrufa BPVOY 4 minghand is-socjeta` konvenuta il-bastiment imsemmi m.v. Selay Challenger u dan sabiex iggorr merkanzija konsistenti f'Jet A1 fuel mill-port ta' Aghii Theodori fil-Grecja lejn il-port ta' Batumi jew Poiti gil-Georgia.

Illi *a tenur* tal-imsemmi kuntratt ta' nollegg, is-socjeta` konvenuta bhala sid tal-bastiment assumiet diversi obbligi fosthom l-obbligu li tizgura li l-bastiment jkun fi stat li jghabbi, jgorr u jiskarika il-merkanzija, (klawsola 3.2), li l-Kaptan johrog *Notice of Readiness* fil-port ta' tghabbija (klawsola 6), li l-bastiment jkun fi stat tajjeb bit-tankijiet, pompi u pajpijiet nodfa a sodisfazzjoni tal-ispettur nominat mic-*charterers* ( klawsoli 11 u 18) u diversi obbligi ohrajn rilevanti ghall-kaz kif jigi pruvat ahjar matul it-trattazjoni tal-kawza.

Illi malli l-bastiment m.v. Selay Challenger wasal fil-port tat-tghabbija fit-3 ta' Dicembru 2009 u bdiet titghabba l-merkanzija u saru l-ewwel testijiet tal-Jet Fuel abbord il-bastiment, instab minnufih illi dan il-*fuel* kien kontaminat u bhala konsegwenza ta' dan it-tghabbija giet mwaqqfa billi kien evidenti illi l-merkanzija li lahqet tghabbiet abbord il-bastiment giet kontaminata minhabba l-fatt illi t-tankijiet, pompi u pajpijiet ma kienux imnaddfa adegwatament wara l-ahhar vjagg tal-bastiment. Sa dan l-istadju lahqu tghabbew abbord 418 tunnellata metrika ta' Jet Fuel.

Illi bhala konsegwenza ta' din il-kontaminazzjoni, s-socjatajiet istanti ma kienux f'qaghda li jkomplu jghabbu l-merkanzija rimanenti ta' 14,513 tunnellata metrika ta' Jet Fuel sal-10 ta' Dicembru 2009.

Illi permezz ta' kuntratt tat-8 ta' Dicembru 2009 s-socjetajiet atturi bieghu l-merkanzija in kwistjoni lil Petro Asia Trading taht il-pattijiet maghrufa GIF u bhala rizultat ta' dan id-dewmien is-socjetajiet attrici jew min minnhom garrbu telf konsistenti fid-differenza bejn il-prezz tal-merkanzija meta din kellha titghabba u l-prezz meta effettivament tghabbiet, differenza li kif jigu pruvat ahjar matul it-trattazzjoni tal-kaz tammonta ghal US$ 480,657.04 kif jigi pruvat ahjar.

Illi *a tenur* tal-imsemmi *Charterparty,* il-proceduri fil-mertu jaqghu fil-kompetenza tal-High Court ta' Londra u l-istanti sejrin jipprocedu bil-proceduri fil-mertu gewwa Londra u konsegwenza ta' dan l-istanti janticipaw illi sejrin jinkorri spejjez legali u giudizzjarji fis-somma li qed tigi likwidata ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri ghal US$ 144,000.00 *oltre* imghax li fuq perjodu bejn l-4 ta' Dicembru 2009 sat-30 ta' Gunju 2011 b'rata ta' 3.5 fil-mija jammontaw ghal US$ 39,110.11.

Illi b'kollox ghalhekk il-pretensjonijiet tas-socjetajiet atturi jammontaw ghal US$ 663,767.15 ( Sitt Mija u tlieta u sittin elf seba' mija u sebgha u sittin Dollaru Amerikan u hmistax-il centezmu) liema ammont qed jigi likwidat ghall-finijiet tal-**art. 37 (2) tal-Kap. 234**.

Illi din il-pretensjoni tas-socjeta` attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta tirrigwarda ftehim dwar il-kiri ta' vapur permezz ta' *charter party* kif previst fl-**artikolu 742 B (i) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u azzjonabbli bhala azzjoni in rem *a tenur* tal-**artikolu 742 D tal-Kap. 12** b'dan ghalhekk illi tikkostitwixxi dritt fi u jew fuq bastiment kif imfisser fl-**artikolu 37 (10) (a) (iv) u /jew (v) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan kif jigi pruvat ahjar waqt is-smigh tal-kawza u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tipprojbixxi kull negozju dwar bastimenti jew sehem fih.

Illi sa fejn jafu s-socjetajiet attrici, l-assi tas-socjeta' konvenuta huwa l-vapur m.v. "Selay Challenger" registrat hawn Malta u jekk is-socjeta` konvenuta tbiegh jew

titrasferixxi mod iehor dan il-vapur, jew xi sehem tieghu, l-kreditu tas-socjeta' attrici jigi eluz.

Illi ghalhekk l-istess socjetajiet rikorrenti talbu lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment m.v. **Selay Challenger**, numru tal-IMO 8504105 u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati 'mortgages' fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda "deletion certificate" u dan taht dawk il-kondizzjonijiet u pattijiet li jidrilha xierqa u opportuni u skont l-**artiklu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta**.

2. Tordna li kull ordni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin *a tenur* tal-istess **artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti minn fol. 4 sa 84 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Novembru 2010.

Rat ir-rikors tas-socjetajiet rikorrenti datat 11 ta' Gunju 2010 (dol 96) fejn talbu n-nomina ta' kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` intimata; u l-Qorti kif diversament presjeduta, bid-digriet taghha moghti fl-20 ta' Lulju 2010, nnominat bhala kuraturi deputati lil Dr. Henry Antoncich u lil PL Peter Paul Sammut biex jirrapprezentaw lis-socjeta` intimata.

Rat ir-risposta tal-Avukat Dr. Henry Antioncich u l-PL Peter Paul Sammut datata 31 ta' Jannar 2011 a fol. 230 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi f' dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din l-kawza u ghalhekk qed jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw ma' rapprezentant tas-socjeta` patrocinata taghhom.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol 231 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2011 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Louis Cassar Pullicino ghas-socjeta` attrici. Dr. Henry Antoncich imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Lulju 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi s-socjetajiet attrici qed jallegaw li ghandhom kreditu kontra s-socjeta' konvenuta ghall-ammont indikat fir-rikors promotorju u ghar-ragunijiet hemm indikati u dan senjatament kif jidher f'paragrafu 6 u 7 tar-rikors guramentat u ghalhekk qed jippretendu li ghandhom wkoll azzjonijiet skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 742 B (i) tal-Kap. 12** u azzjoni in rem a tenur tal-**artikolu 742 D tal-Kap. 12** kontra l-vapur “Selay Challenger” registrat hawn Malta u proprjeta' tas-socjeta' konvenuta u talbu li jittiehdu l-provvedimenti opportuni abbazi ta' l-**artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici, biss ghall-fini ta' din il-kawza, gew ilkoll ippruvati kemm bil-

kontenut tad-dikjarazzjoni guramentata, kif ukoll bid-dokumenti esebiti (Dok. “1” sa Dok. “8”), u wkoll mill-affidavit ta’ Arthur Mikhailovich Akopov esebit b’nota datata 23 ta’ Novembru 2011, fejn dak kollu premess gie kkonfermat b’hafna iktar dettall u jirrizulta wkoll li tali pretensjonijiet hawn indikati huma l-mertu ta’ procedura li s-socjetajiet istitwew fil-High Court Londra u in *vista’* ta’ dan, din l-azzjoni tirrizulta li tissodisfa r-rekwiziti tal-ligi u partikolarment tal-artikolu fuq citat, u fil-verita’ l-allegazzjonijiet attrici ma gew bl-ebda mod kontradetti u ghalhekk it-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors tas-socjetajiet attrici qed jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi** billi fil-waqt li tichad ir-risposta tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa` t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b’dan li:-

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment m.v. **Selay Challenger**, numru tal-IMO 8504105 u fir-rigward ta’ kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati ‘mortgages’ fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda “deletion certificate” u dan ghall-perjodu ta’ sena mid-data ta’ din is-sentenza b’dan li s-socjetajiet attrici ghandhom jottempraw ruhhom sabiex jekk mhux diga ghamlu dan, iressqu ’l quddiem il-pretensjonijiet taghhom dwar l-istess kreditu fit-terminu indikat skond l-**artikolu 37 (6) tal-Kap 234** u bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-istess artikolu.

2. Tordna li din l-ordni maghmula minn din il-Qorti tigi notifikata lir-Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin *a tenur* ta’ l-istess **artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta b’dan li kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------